**Sal-11.30 a.m. ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Settembru, 2026, offerti permezz tal-ePPS jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali San Lawrenz, għal:**

Avviż Nru SLLC/02/2026. Provvisti – Xogħlijiet ta' finishing, soft flooring, street furniture, playing equipment u landscaping fil-playing field ta' San Lawrenz b'mod li ma jagħmilx ħsara 'l ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-7 ta' Awwissu, 2026

**Tenders will be received at the San Lawrenz Local Council, through ePPS, up to 11.30 a.m. on Thursday, 17th September, 2026, for the:**

Advt No. SLLC/01/2026. Supplies – Finishing, soft flooring, street furniture, playing equipment and landscaping works at San Lawrenz's playing field in an environmentally friendly manner.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

7th August, 2026

## AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

1996

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-3 ta' Lulju, 2026, Rikors numru 608/2026, minn Dario Borg et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Dario Borg u Michele Borg ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Monica Borg née Cutajar, armla ta' Manuel Borg, bint il-mejtin Carmel Cutajar u Georgia Cutajar née Cilia, imwielda l-Belt Valletta, Malta, kienet residenti Birkirkara, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fl-10 ta' Jannar, 2026, ta' 74 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0003552M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 4 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 3rd July, 2026, Application number 608/2026 by Dario Borg et, whereby they requested that it be declared open in favour of Dario Borg u Michele Borg, children of the decujus in equal shares between them the succession of Monica Borg née Cutajar, widow of Manuel Borg, daughter of the late Carmel Cutajar and Georgia Cutajar née Cilia, born in Valletta, Malta, resided in Birkirkara, Malta, and died in Msida, Malta, on the 10th January, 2026, aged 74, and who held identity card number 0003552M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 4th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1997

B'rikors pprezentata, fil-Qorti (Sezzjoni Guriżdizzjoni Volontarja), fis-7 ta' Lulju, 2026, min-Nutar Alexia Sceberras

By means of an application, filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section), on the 7th July, 2026, by

Trigona, Nutar Pubbliku, ġabet is-segwenti dokument biex jiġu pubblikati ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kodiċi tal-Kummerċ Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' kuntratt, li se jigi ippubblikat, min-Nutar Alexia Sceberras Trigona, Nutar Pubbliku, Klaus Swen Prüfer, miżżewweġ, bin Klaus Prüfer u Brigitte Martha Klara Kohler née Fellendorf, imwieled Zerbst, il-Ġermanja fl-14 ta' Novembru, 1969, u residenti Schleswig-Holstein, il-Ġermanja, passaport Ġermaniż numru C1P67HLF9, u martu Marina Prüfer née Shebelewa, miżżewġa, bint Gennadiy Prokofyevich Shebelev u Tamara Borisovna Shebelewe née Yaroshchuk, imwielda Riva, il-Latvja, fid-19 ta' Jannar, 1973, u residenti Schleswig-Holstein, il-Ġermanja, passaport Ġermaniż numru C1P6FG8W5, se tirregistra 'l fuq imsemmi kuntratt għall-finijiet tal-Artikolu 9 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta li bis-saħħa tiegħu jemanċipa għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi lil binhom Maxim Philipp Prufer, imwieled Reinbek, il-Ġermanja, fl-24 ta' Lulju, 2009, u residenti San Ġiljan, Malta, passaport Ġermaniż numru C1P6VG7YX, u tawtorizzawh jagħmel l-atti kollha tal-kummerċ, għal finijiet u effetti kollha tal-liġi, a tenur tal-Artikolu 9 et sequitur tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 4 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Notary Doctor Alexia Sceberras Trigona, Notary Public, she presented the following document to be published in terms of Article 9 of the Commercial Code, Cap. 13 of the Laws of Malta.

By means of a contract, which is going to be published, by Notary Doctor Alexia Sceberras Trigona, Notary Public, Klaus Swen Prüfer, married, son of Klaus Prüfer and Brigitte Martha Klara Kohler née Fellendorf, born in Zerbst, Germany, on the 14th November, 1969, and residing at Schleswig-Holstein, Germany, German passport number C1P67HLF9, and his wife Marina Prüfer née Shebelewa, married, daughter of Gennadiy Prokofyevich Shebelev and Tamara Borisovna Shebelewa née Yaroshchuk, born in Riva, Latvia, on the 19th January, 1973, and residing at Schleswig-Holstein, Germany, German passport number C1P6FG8W5, she is going to register the above mentioned contract for the purposes of Article 9 of the Commercial Code Cap. 13 of the Laws of Malta by means of which their son Maxim Philipp Prüfer, born in Reinbek, Germany, on the 24th July, 2009, and residing in St Julian's, Malta, German passport number C1P6VG7YX, shall be emancipated for all intents and purposes of law and authorises him to carry out all acts of trade for all intents and purposes of law, in terms of Article 9 et sequitur of Cap. 13 of the Laws of Malta.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 4th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1998

B'digriet tal-4 ta' Awissu, 2026, mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex isservi ta' notifika skont l-Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Ċivili (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment ippreżentati minn Michael Attard Imports Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C34433, fil-31 ta' Lulju, 2026, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €21,900 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 7/26 fl-ismijiet Michael Attard Imports Limited (C34433) vs T8R Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C101695 u Mostafa A. A. Bouamid (KI 132671A) miżmum taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fid-29 ta' Lulju, 2026.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom

By a Decree of the 4th August, 2026, given by the First Hall, Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according the Article 338 (1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Michael Attard Imports Limited with the registration number C34433, on the 31st July, 2026, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €21,900 following judicial sale by auction 7/26 in the names Michael Attard Imports Limited (C34433) vs T8R Limited with the registration number C101695 and Mostafa A. A. Bouamid (ID 132671A) held under the Authority of the said Court on 29th July, 2026.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in

kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-Tlieta, 4 ta' Awwissu, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts this Tuesday, 4th August, 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1999

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fl-24 ta' Ġunju, 2026, fuq talba ta' Naomi Borg ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Luisa Fernanda Garcia Londono fl-atti ta' Rikors numru 59/2026CSZ fl-ismijiet Naomi Borg vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors fl-ismijiet Naomi Borg (KI 482090M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Luisa Fernanda Garcia Londono (KI 0374251A) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 59/2026CSZ, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fit-23 ta' Marzu, 2026, fejn Naomi Borg talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għar-raġunijiet indikati fir-rikors odjern jew liema minnhom u li a bażi tagħhom qiegħda tintalab il-firda personali bejn il-kontendenti;

2. Tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet minn kwalsijasi dritt li titlob jew tipperċepixxi manteniment mingħand l-attriċi;

3. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jiġu stabbiliti porzjonijiet in diviżjoni u assenjati lill-partijiet li ma jkunux neċessarjament l-istess, u billi wikoll tiġi stabbilita data minn meta l-konvenuta titqies li ddekadiet minn kull akkwist magħmul bix-xogħol u bil-ħila tar-rikorrenti u dan kollu okkorrendo bl-perat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-atti opportuni u ta' kuraturi biex jirrappreżenta lill-konvenuta fl-eventwali kontumaċja fuq kwalsijasi konvenju u att susssegwenti għall-istess xoljiment;

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 24th June, 2026, following a request of Naomi Borg it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Luisa Fernanda Garcia Londono, in the records of the Application 59/2026CSZ, in the names Naomi Borg vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application in the names Naomi Borg (ID 482090M) vs Deputy Curators to represent Luisa Fernanda Garcia Londono (ID 0374251A), in the records of the Sworn Application bearing reference 59/2026CSZ, filed in the Civil Court (Family Section), on the 23rd March, 2026, the applicant Naomi Borg requested this Honourable Court so that:

1. Declare and pronounce the personal separation between the parties for the reasons indicated in the present application or which of them and on the basis of which the personal separation between the parties is being demanded;

2. Declare that the defendant forfeited any right to request or receive maintenance from the plaintiff;

3. Dissolve and terminate the existing Community of acquests between the parties and liquidate the same in such a manner that divided portions are established and assigned to the parties which are not necessarily the same, and whereas furthermore a date is established from when the defendant is deemed to have forfeited from every acquisition made by the work and skill of the applicant and all this if necessary by the appointment of referees and by the appointment of a notary to publish the opportune acts and of curators to represent the defendant in the eventual dispute on any preliminary agreement and subsequent deed for the same dissolution;

4. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tbiddel is-serratura tad-dar matrimonjali u tabita b'mod esklussiv ġol-appartament Binja Zifla, Blk A, Flat 8, Triq il-Madonna tar-Rużarju, Ħal Tarxien, liema proprjetà tappartjeni omm ir-rikorrenti;

5. Tapplika in toto jew in parte l-effetti tal-artikoli 48 sa 53 tal-Kodiċi, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli inkluż il-komminjazzjoni li tilfet kull dritt li tilfet lill-esponenti.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-medjazzjoni kontra l-intimat illi huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Rikorrent: Binja Zifla, Blk A, Flat 8, Triq il-Madonna tar-Rużarju, Ħal Tarxien

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Giovanni Grixti, BA, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 25 ta' Ġunju, 2026

Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), illum 4 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

4. Authorise the applicant to change the lock of the matrimonial home and live exclusively in the apartment Binja Zifla, Blk A, Flat 8, Triq il-Madonna tar-Rużarju, Ħal Tarxien, which property belongs to the applicant's mother;

5. Apply in toto or in parte the effects of Articles 48 to 53 of the Civil Code, Cap. 16 of the Laws of Malta to the sanction of all the rights in favour of the exponent.

With costs including those of mediation against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made.

Applicant: Binja Zifla, Blk A, Flat 8, Triq il-Madonna tar-Rużarju, Ħal Tarxien

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), abovementioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Giovanni Grixti, BA, LLD, Doctor of Laws.

Today 25th June, 2026

Registry of the Civil Court (Family Section), today 4th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2000

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-29 ta' Lulju, 2026, u dan wara Rikors b'numru 596/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jagħmel it-tibdil opportun fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri numru 1351/2026 biex kull fejn jidher l-isem tal-minuri bħala 'Thais', dan jiġi mibdul għal 'Thias'.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 29th July, 2026, and upon an application numbered 596/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate amendment to the Act of Birth of the minor, number 1351/2026, so that wherever the minor's name appears as 'Thais', it is changed to 'Thias'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa, 5 ta' Awwissu, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday, 5th August, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2001

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Lulju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 604/25AD, fl-ismijiet: Joseph Borg u Edith Grech vs Dott. Mattia Felice u PL Gillian Muscat bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa maħtura permezz ta' digriet tal-Qorti tal-24 ta' Lulju, 2025, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 495A(3) et seq tal-Kapitlu 16, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-Kuraturi Deputati.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 3rd July, 2026, in the records of the Sworn application 604/25AD, in the names: Joseph Borg and Edith Grech vs Dr Mattia Felice and PL Gillian Muscat as deputy curators to represent the unknown owners appointed by means of a Court decree of the 24th July, 2025,, the following publication was ordered, in terms of Article 495A(3) et seq of Cap. 16, for the purpose of service of the Deputy Curators.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Joseph Borg (240652M) u Edith Grech (708747M) vs Dott. Mattia Felice u PL Gillian Muscat bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa maħtura permezz ta' digriet tal-Qorti tal-24 ta' Lulju, 2025, ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-10 ta' Ġunju, 2025, permezz ta' rikors ġuramentat ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16, ta' Joseph Borg (240652M) u Edith Grech (708747M) li bir-rispett jesponu:

By means of an application in the names: Joseph Borg (240652M) and Edith Grech (708747M) vs Dr Mattia Felice and PL Gillian Muscat as deputy curators to represent the unknown owners appointed by a Court decree of the 24th July, 2025, filed in the Civil Court, First Hall on the 10th June, 2025, by means of a sworn application in terms of Article 495A of Cap 16, of Joseph Borg (240652M) and Edith Grech (708747M) who respectfully submitted:

1. Illi r-rikorrenti Joseph Borg flimkien ma' oħtu Edith Borg huma komproprjetarji tad-dar bin-numru uffiċjali tmienja u erbgħin (48), ġja bin-numru tlieta u erbgħin (43), u qabel kellha n-numru tmienja u tletin (38), fi Triq Għar il-Ġobon, Birkirkara (minn hawn 'il quddiem 'il-proprjetà'), kif konfermat b'affidavit maħluf ta' Joseph Borg hawn anness u mmarkat bħala Dok. JB-001 u b'affidavit maħluf ta' Edith Grech hawn anness u mmarkat bħala Dok. JB-002;

1. That the applicant Joseph Borg together with his sister Edith Borg are co-owners of the house with official number forty eight (48), previously with number forty three (43), and previously with number thirty eight (38), in Triq Għar il-Ġobon, Birkirkara (hereinafter 'the property'), as confirmed by a sworn affidavit of Joseph Borg here attached and marked as Doc. JB-001 and by a sworn affidavit of Edith Grech here attached and marked as Doc. JB-002;

2. Illi r-rikorrenti wirtu din il-proprjetà mingħand il-ġenituri tagħhom Joseph Borg, li ġie nieqes fil-ħmistax (15) ta' Marzu tal-elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992), kif jirriżulta minn kopja tad-denunzja ta' proprjetà taxxabli wara l-mewt tiegħu, hawn annessa u mmarkata bħala Dok. JB-003, u Marianna Borg née Gatt li ġiet nieqsa fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tal-elfejn u għaxra (2010), kif jirriżulta minn kopja tad-dikjarazzjoni causa mortis hawn annessa u mmarkata bħala Dok. JB-004;

2. That the applicants inherited this property from their parents Joseph Borg, who died on the fifteenth (15) March of the thousand nine hundred and ninety-two (1992), as results from a copy of the denunciation of taxable property after his death, hereby attached and marked as Doc. JB-003, and Marianna Borg née Gatt who died on the twenty-first (21) of February of the two thousand and ten (2010), as results from a copy of the declaration causa mortis here attached and marked as Doc. JB-004;

3. Illi l-ġenituri tar-rikorrenti kienu akkwistaw sitt partijiet indiviżi minn sebgħa (6/7) tal-proprjetà bis-saħħa ta' żewġ atti pubbliċi fl-atti tan-Nutar Dott. Paul Pellegrini Petit, l-ewwel wieħed kien kuntratt ta' permuta (Dok. JB-005) datat it-tlettax (13) ta' Ottubru tal-elf disa' mija u ħamsa u ħamsin (1955) permezz ta' liema att pubbliku huma kienu akkwistaw sitta minn tmienja u għoxrin (6/28) parti indiviża tal-proprjetà, u t-tieni wieħed kien kuntratt ta' bejgħ (Dok. JB-006) datat it-tlieta (3) ta' Novembru tal-elf disa' mija

3. That the applicants' parents had acquired six undivided shares out of seven (6/7) of the property by virtue of two public deeds in the records of Notary doctor Paul Pellegrini Petit, the first one was a contract of permute (Doc. JB-005) dated thirteenth (13) October of the thousand nine hundred and fifty five (1955) by means of which a public deed they had acquired six out of twenty eight (6/28) undivided shares of the property, and the second one was a contract of sale (Doc. JB-006) dated 3rd November of the thousand nine

ħamsa u ħamsin (1955), permezz ta' liema att pubbliku huma akkwistaw tmintax-il parti minn tmienja u għoxrin (18/28), b'dan li għalhekk il-ġenituri tar-rikorrenti akkwistaw total ta' sitt partijiet indiviżi minn sebgħa (6/7) tal-proprjetà;

4. Illi r-rimanenti sehem ta' wieħed minn sebgħa (1/7) tal-proprjetà kien jispetta lil ċertu John Lanzon, li skont il-provenjenza hawn annessa u suċitata bħala (Dok. JB-006 – immarkata bil-kulur isfar), ġie rimarkat li 'fis-sena elf disa' mija tnejn u tletin miet John (Lanzon) u l-eredità tiegħu baqgħet ġjaċenti u għalhekk il-kwota spettanti lilu mill-imsemmija stabbli mhux sejra tinbiegħ'.

5. Illi preżentement għaddew aktar minn disgħin (90) sena minn meta ddekada John Lanzon u sa fejn jafu r-rikorrenti, kemm damet mikrija l-proprjetà, ħadd qatt ma ressaq xi talba, pretensjoni jew oġġezzjoni sabiex jitħallas xi sehem minn din il-kirja, la lilhom bħala rikorrenti u lanqas lill-ġenituri tagħhom sa fejn jafu huma;

6. Illi sa mill-elf disa' mija u disgħa u sebgħin (1979), il-proprjetà kienet mikrija lil ċertu Michael Buhagiar, li kien jabita fil-proprjetà flimkien ma' martu Carmela Buhagiar sakemm iddekada fl-erbatax (14) ta' Settembru tal-elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u martu eventwalment irritornat iċ-ċwievet lir-rikorrenti fil-bidu ta' Lulju tal-elfejn u erbgħa u għoxrin (2024);

7. Illi r-rikorrenti qablu li din il-proprjetà għandha tinbiegħ u b'liema kundizzjonijiet dan għandu jsir, u dan kif jidher mill-konvenju datat is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar tal-elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) hawn anness u mmarkat bħala Dok. JB-007, permezz ta' liema konvenju, ir-rikorrenti wiegħdu li jbigħu u jassenjaw, filwaqt li Daniel Scerri, detentur tal-karta tal-identità numru 453377M, u Marica Scerri, detentriċi tal-karta tal- identità numru 664882M (minn hawn 'il quddiem 'il-kumpraturi') wiegħdu li jixtru u jakkwistaw il-proprjetà;

8. Illi din il-premessa saret inter alia (i) bil-prezz bonarjament patwit ta' mitejn u ħamsa u sebgħin elf ewro (€275,000), li minnhom tħallset is-somma ta' sebgħa u għoxrin elf u ħames mitt ewro (€27,500) bħala depożitu akkont tal-prezz, (ii) suġġett għall-verifiki dwar it-titolu tar-rikorrenti li kif ingħad, huma sidien biss ta' sitta minn sebgħa (6/7) partijiet indiviżi tal-proprjetà, u (iii) suġġett għall-ħruġ tal-permessi kollha relattivi sabiex il-kumpraturi jkunu jistgħu jagħmlu numru ta' xogħlijiet strutturali fil-proprjetà kif aħjar deskritti fil-konvenju nnifsu;

9. Illi għalhekk ir-rikorrenti u l-kumpraturi premmettew li l-att finali ta' bejgħ u xiri tal- proprjetà jkun jista' jsir biss jekk kemm-il darba ir-rikorrenti jakkwistaw mingħand il-komproprjetarji l-oħrajn is-sehem ta' wieħed minn sebgħa

hundred fifty five (1955), by means of which a public deed they acquired eighteen parts of twenty eight (18/28), so that the applicants' parents acquired a total of six undivided parts from seven (6/7) of the property;

4. That the remaining share of one out of seven (1/7) of the property belonged to certain John Lanzon, who according to the provenance hereby attached and summoned as (Doc. JB-006 – marked with the colour yellow), it was remarked that 'in the year one thousand nine hundred thirty two died John (Lanzon) and his inheritance remained vacant and thus the share pertaining to him from the said stable shall not be sold'.

5. That presently more than ninety (90) years have passed since John Lanzon passed away and as far as the applicants know, how long the property was leased, no one ever brought forward any claim, claim or objection to pay any share of this lease, neither to them as applicants nor to their parents as far as they know;

6. That as from the year one thousand nine hundred and seventy nine (1979), the property was leased to a certain Michael Buhagiar, who lived in the property together with his wife Carmela Buhagiar until the lease expired on the 14th September of the two thousand and twenty two (2022) and his wife eventually returned the keys to the applicant at the beginning of July of the two thousand and twenty four (2024);

7. That the applicants agreed that this property should be sold and under what conditions this should be done, and this as appears from the preliminary agreement dated twenty seven (27th) January of the two thousand and twenty five (2025) herein attached and marked as Doc. JB-007, by means of which preliminary agreement, the applicants promised to sell and assign, whilst Daniel Scerri, holder of identity card number 453377M, and Marica Scerri, holder of identity card number 664882M (hereafter 'the purchasers') promised to purchase and acquire the property;

8. That this premise was made inter alia (i) with the agreed price of two hundred seventy five thousand euro (€275,000), from which the sum of twenty seven thousand five hundred euro (€27,500) was paid as deposit on account of the price, (ii) subject to the verifications regarding the applicant's title which as stated, are the owners only of six out of seven (6/7) undivided shares of the property, and (iii) subject to the issuing of all relative permits so that purchasers can carry out a number of structural works in the property as better described in the preliminary agreement itself;

9. That thus the applicants and the purchasers premised that the final deed of sale and purchase of the property can only be made if the applicants acquire from the other co-owners the share of one out of seven (1/7), or if the property

(1/7), jew jekk il-proprjetà tinbiegħ bis-subbasta, jew inkella jekk jottjenu l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jipproċedu bil-bejgħ ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Illi peress li r-rikorrenti ma jafux minn huma l-komproprjetarji tar-rimanenti sehem indiviż wieħed minn sebgħa (1/7) tal-proprjetà, liema komproprjetarji (jekk jeżistu) huma assenti u/jew mhux rintraċċjabbli, inkella huma kompletament injoti u qatt ma kkomunikaw mar-rikorrenti u/jew urew xi forma ta' interess fil-bejgħ tal-proprjetà de quo, il-bejgħ ma jistax isir mingħajr id-debita awtorizazzjoni ta' din I-Onorabbli Qorti;

11. Illi r-rikorrenti jikkonferma li huwa jaf b'dawn il-fatti kollha personalment;

12. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq premessi, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull ordni u dikjarazzjoni neċessarja u taħt il-provvedimenti kollha opportuni u/jew meħtieġa fiċ-ċirkostanzi:

1. Tawtorizza l-bejgħ tal-kwoti kollha tal-proprjetà, ossija d-dar, bin-numru uffiċjali tmienja u erbgħin (48), ġja bin-numru tlieta u erbgħin (43), u qabel kellha n-numru tmienja u tletin (38), fi Triq Għar il-Ġobon, Birkirkara, u dan versu l-pattijiet il-kundizzjonijiet stipulati fil-konvenju tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar tal-elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), jew versu dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li lilha jkunu jidhrulha aktar opportuni ai termini tal-Artikolu 495A(7) tal-Kodiċi Ċivili;

2. Taħtar lin-Nutar Pubbliku Dott. Johnathan Zammit, jew kwalsijasi nutar pubbliku iehor, sabiex jippubblika l-att relattiv ta' kompravendità, u tiffissa jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni ta' listess;

3. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw fuq l-att tat-trasferiment lis-sidien kollha mhux magħrufa;

4. Tagħti dawk l-ordnijiet meqjusa neċessarji u opportuni skont iċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li qegħdin minn issa jiġu inġunti għas-subizzjoni.

Notifika intimat: Kuraturi deputati

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Awwissu, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

is sold by auction, or if they obtain the authorisation of this Honourable First Hall, Civil Court, to proceed with the sale in terms of Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta;

10. That since the applicants do not know who are the co-owners of the remaining undivided share one seventh (1/7) of the property, the co-owners (if any) are absent and/or untraceable, otherwise they are completely unknown and never communicated with the applicants and/or showed any form of interest in the sale of the property de quo, the sale cannot be made without the due authorisation of this Honourable Court;

11. That the applicant confirms that he knows of all these facts personally;

12. That thus this cause had to be made.

Thus, and for the reasons above premised, the applicants humbly pray this Honourable Court so that saving any necessary order and declaration and under all the opportune and/or necessary provisions in the circumstances:

1. Authorise the sale of all the shares of the property, that is the house, with official number forty eight (48), previously with number forty three (43), and previously with number thirty eight (38), in Triq Għar il-Ġobon, Birkirkara, and this towards the terms stipulated in the preliminary agreement of twenty seven (27th) of January of the two thousand and five u twenty (2025), or towards such terms and conditions as it may deem more opportune in terms of Article 495A(7) of the Civil Code;

2. Appoint Notary Public Dr Johnathan Zammit, or any other notary public, to publish the relative deed of sale, and fix a day, time and place for the publication of the same;

3. Appoint deputy curators to represent on the deed of transfer all unknown owners;

4. Give such orders as may be deemed necessary and opportune according to the circumstances.

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Notification respondent: Deputy curators

Registry of the Superior Courts, today 6th August, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2002

ARB/C091/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-2 ta' Lulju, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Nadia H. Vella, LLD), Kumpilazzjoni Numru 5414/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ADEN GALEA, ta' 31 sena, iben Anthony Galea u Mary Yolanda Galea, imwieled f'Tal-Pietà, Malta, fit-30 ta' Settembru, 1994, u residenti f'55, Flat 1, Triq it-Torri Wejter, Birkirkara, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 433794M.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' ADEN GALEA u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 5 tal-Att kontra il-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat jista' jibqa' jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li jiddikjara l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inkluż salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lilu.

B'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu perċepiti l-istess flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36, fl-Artikolu 22A u tal-Artikolu 5, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

ARB/C091/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 2nd July, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Nadia H. Vella, LLD), with Compilation Number 5414/2026, in the case:

